

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 266

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

17 ta' Settembru 2013

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 266/01	Rata tal-kambju tal-euro	1
2013/C 266/02	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	2
2013/C 266/03	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	3
2013/C 266/04	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	4
2013/C 266/05	Avviż lill-importaturi – Importazzjonijiet taz-zokkor mill-Balkani tal-Punent fl-Unjoni Ewropea	5

MT

Prezz:
EUR 3

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾**Is-16 ta' Settembru 2013**

(2013/C 266/01)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3357	AUD	Dollaru Awstraljan	1,4248
JPY	Yen Ġappuniż	132,05	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3759
DKK	Krona Daniża	7,4566	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,3570
GBP	Lira Sterlina	0,83850	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6267
SEK	Krona Żvediża	8,6943	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6824
CHF	Frank Żvizzeru	1,2374	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 444,54
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	13,0230
NOK	Krona Norveġiża	7,8920	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,1748
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,5955
CZK	Krona Ċeka	25,769	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 855,82
HUF	Forint Ungeriż	298,78	MYR	Ringgit Malajjan	4,3945
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	58,090
LVL	Lats Latvjan	0,7025	RUB	Rouble Russu	43,0625
PLN	Zloty Pollakk	4,1944	THB	Baht Tajlandiż	42,342
RON	Leu Rumun	4,4588	BRL	Real Brażiljan	3,0086
TRY	Lira Turka	2,6592	MXN	Peso Messikan	17,2205
			INR	Rupi Indjan	83,9450

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 266/02)



Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro, maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Italja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinn tal-muniti tal-euro l-ġodda kollha, bil-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jkollhom jaħdmu bil-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-UE li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro, huma awtorizzati li jorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti taż-żewġ euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom jippreżenta disinn commemorattiv tasew simboliku fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Ir-Repubblika Taljana

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Is-700 Anniversarju mit-twelid ta' Giovanni BOCCACCIO.

Deskrizzjoni tad-disinn:

Id-disinn juri tlett kwarti tar-ras ta' Giovanni BOCCACCIO jħares lejn il-lemin, meħuda mill-affresk ta' Andrea Del Castagno, madwar l-1450 (Firenze, Galleria degli Uffizi); mad-dawra, fil-qiegħ, BOCCACCIO 1313 2013; fuq il-lemin, fuq xulxin, l-ittri R (il-monogramma taz-Zekka ta' Ruma)/RI (il-monogramma tar-Repubblika Taljana)/m (il-monogramma tal-Awtur Mauri).

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 10 miljuni

Id-data tal-ħruġ: Lulju 2013

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 266/03)



Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro, maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Italja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinni ta' fuq il-muniti l-ġodda kollha tal-euro, bl-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jkollhom jaħdmu bil-muniti. ⁽¹⁾ Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-UE li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro, huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li dawn ikunu biss muniti taż-żewġ euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom jippreżenta disinn commemorattiv tassew simboliku fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Ir-Repubblika Taljana

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-200 Anniversarju mit-twelid ta' Giuseppe VERDI.

Deskrizzjoni tad-disinn:

Id-disinn juri tlett kwarti mill-bust ta' Giuseppe VERDI iħares lejn ix-xellug; fuq ix-xellug, b'ittri fuq xulxin il-monogramma tar-Repubblika Taljana "RI"/1813; fuq il-lemin, l-itta R (il-monogramma taz-Zekka ta' Ruma)/2013; maqbuża l-barra, l-ittri MCC (il-monogramma tal-Awtriċi Maria Carmela COLANERI)/G. VERDI.

lċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 10 miljuni

Id-data tal-ħruġ: Marzu 2013

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 266/04)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' 2 euro għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Monako

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾ dwar dan, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-UE li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fiħ disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Monako

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: L-20 anniversarju mis-sħubija man-Nazzjonijiet Uniti

Deskrizzjoni tad-disinn:

Il-munita turi ħamiema b'fergħa taż-żebbuġ, u f'nofs l-arkata, fuq ix-xellug il-kornukopja, u fuq il-lemin il-marka tal-laboratorju fejn issir l-inċiżjoni taz-zekka ta' Pariġi. Fuq, f'nofs tond, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-ħruġ "MONACO" u isfel, f'nofs tond, l-iskriżzjoni "1993 AMMISSJONI FIN-NU 2013".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 1 229 131

Id-data tal-ħruġ: Lulju 2013

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

Avviż lill-importaturi**Importazzjonijiet taz-zokkor mill-Balkani tal-Punent fl-Unjoni Ewropea**

(2013/C 266/05)

Permezz ta' avviż lill-importaturi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali C 152, 26.6.2002, p. 14, il-Kummissjoni infurmat lil operaturi fil-Komunità li jippreżentaw evidenza dokumentarja tal-orijini bil-għan li jiżguraw trattament preferenzjali għaz-zokkor ta' tariffi t-titli NM 1701 u NM 1702 mill-Balkani tal-Punent biex jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, ladarba r-rilaxx tal-prodotti kkonċernati għall-moviment liberu jista' jagħti lok għal dejn doganali u jwassal għal frodi fil-konfront tal-interessi finanzjarji tal-UE. L-avviż kien ibbażat fuq żieda sinifikanti u mgħaġġla fl-importazzjoni preferenzjali taz-zokkor minn ċerti pajjiżi fil-Balkani tal-Punent, filwaqt li l-pajjiżi urew defiċit fil-produzzjoni taz-zokkor. Fl-istess ħin, l-esportazzjonijiet miz-zokkor mill-UE lejn il-Balkani tal-Punent kienu żdiedu b'bejn wieħed u ieħor l-istess ammont. Dan l-iżvilupp tal-kummerċ jidher li huwa ferm artifiċjali u kien meqjus bħala indikazzjoni li jindikaw il-poss-ibbiltà ta' frodi.

Ċerti miżuri sabiex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni sadattant ġew introdotti.

Billi l-kundizzjonijiet għall-funzjonament tajjeb tal-arranġamenti preferenzjali għaz-zokkor ta' tariffi tat-titli NM 1701 u NM 1702 importati mill-Balkani tal-Punent fl-Unjoni Ewropea ġew restawrati, l-avviż lill-importaturi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali C 152, 26.6.2002, p. 14, għandha tiġi rtirata.

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

